MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Numru. 820/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Trevor Micallef**

**vs**

**Jonathan Portelli**

Il-Qorti:

Rat l-imputat Jonathan Portelli ta’ 24 sena, iben Martin u Mary Anne nee’ Vella, imwieled Pieta’, data tat-twelid 27 ta’ April 1987, residenti 18, Beverly Hills, Triq il-Haddiem, Birzebbugia u detentur tal-karta tal-identita’ numru 207587(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’dawn il-Gzejjer nhar is-16 ta’ Lulju 2011 ghall-habta tat-tlieta u nofs ta’ filghodu (03:30a.m.) gewwa l-istabiliment

Hugo's Passion fil-parti maghrufa bhala Shadow's Lounge li jinsab f'Turgien St. Rita, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed l-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Michael Zahra.

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel delitt cioe' minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ittanta jikkommetti ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Sandro Dimech u wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta tieghu.

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq Sandro Dimech.

4. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel l-istess offiza b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta jew iniggez,

5. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi talli ma kellux licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija biex izomm tali arma.

6. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tiprovdi ghal garanzija ta' Michael Zahra u Sandro Dimech skond l-artikolu 383 tal-Kap 9.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tad-9 ta' Jannar 2013 (inserita a fol. 333 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

Fl-artikoli 214, 215, 216 u 217 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Fl-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 217 u 218 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
Fl-artikoli 214, 215 u 221 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
Fl-artikolu 55 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta ;
Fl-artikolu 6 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta ;
Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ; u
Fl-artikoli 17, 31, 383, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tat-18 ta' Jannar 2013, l-imputat iddikjara li m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Il-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fis-16 ta' Lulju 2011, gie rikoverat l-isptar Mater Dei certu Michael Zahra minhabba li kellu ferita f'saqajh u dan wara li aktar kmieni kien inqala' argument gewwa Hugo's Club f'Paceville sewwa sew fis-Shadow's Lounge. Michael Zahra li kien jahdem bhala security fl-istess club kien qieghed iferraq xi nies minhabba li nqala' argument bejn id-DJ tal-istess club, u cioe' Jonathan Portelli, l-imputat u xi nies ohra li kienu qeghdin hemm. Waqt l-argument Michael Zahra ntlaqat bi strument bil-ponta u anki persuna ohra nvoluta fil-glieda, u cioe Sandro Dimech, intlaqat. Fil-mument li Michael Zahra qala' d-daqqa bi strument bil-ponta huwa kien qieghed izomm b'id wahda lill-imputat waqt li bl-id l-ohra kien qieghed jipprova jzomm lin-nies l-ohra li kienu qieghdin jagredixxu lill-imputat. Kien fil-mument li Michael Zahra beda' johrog in-nies 'il barra li nduna li kellu ferita f'saqajh. Wara ntervent ta' aktar

addetti tas-security b'xi mod is-sitwazzjoni giet kontrollata. Sandro Dimech gie nvistat minn Dr. Anthony Mifsud[1] fejn instab li kellu ferita miftuha 'l fuq miz-zokra ta' bejn wiehed u iehor zewg centimetri u kellu bzonn ta' tlett punti u gie certifikat li l-griehi minnu sofferti kienu ta' natura hafifa.

Michael Zahra xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-17 t'Awwissu 2011, fejn qal li fil-gurnata in dizamina waqt li kien qieghed xoghol gewwa l-Hugo's Shadow Club f'Paceville innota li nqala argument bejn l-imputat u zewg persuni ohra u huwa rnexxielu jintervjeni bejniethom u jifridhom. Izda f'dak il-mument huwa ra persuna ohra taghti daqqa ta' ponn lill-imputat. Dak il-hin huwa kien qieghed ihares lejn l-imputat u rah ixejjer xi daqqiet. Waqt dan l-argument huwa hass daqqa u ma tax kaz u kien biss fil-mument li huwa hareg lil xi nies 'il barra li nduna li kellu d-demm f'saqajh u talab li jittiehed l-isptar. Ix-xhud sostna li d-direzzjoni tad-daqqa fuq siequ x-xellugija giet minn quddiem u qal li fil-mument li ntervjena fl-argument kien hemm diversi nies jimbuttaw lil xulxin minn grupp ta' sebgha waqt li l-imputat kien wahdu dak il-hin. Zahra qal ukoll li meta huwa ntervjena kien hemm biss zewg persuni li kienu qeghdin jargumentaw mal-imputat u kien dak il-hin li dahlet persuna minnhom u xejret daqqa fid-direzzjoni ta' wicc tal-imputat. Dak il-hin gie jghinu security officer iehor, David Cachia, u l-glieda waqfet hemm minhabba li David Cachia zamm tnejn min-nies waqt li hu zamm lill-imputat u l-erbgha min-nies l-ohra li kienu nvoluti fil-glieda kontra l-imputat bdew jinzammu minn security officers ohrajn. Michael Zahra spjega li huwa kompla jzomm lill-imputat u persuna ohra sabiex ma jersqux lejn xulxin izda dawn xorta baqghu ixejru d-daqqiet lejn xulxin. Huwa zied jghid (a fol 62) li lill-imputat rah ixejjer id-daqqiet minn taht sabiex jipprova jolqot lill-iehor u qal li d-daqqa f'saqajh[2]

[1] Ara xhieda a fol 45. Waqt li PC 1392 Kevin Buhagiar prezenta faxxikolu b'ritratti ta' feriti li saru fuq il-persuna ta' Jonathan Micallef liema dokument huwa esebit a fol 261. Gie esebit certifikat mediku ta' Jonathan Portelli (dok NC1) li qieghed esebit a fol 307. Fix-xhieda ta' Dr. Carl Causon qal li l-griehi li kellu l-imputat kienu ta' natura hafifa fejn kellu kontuzjoni taht ghajnejh ix-xellugija, kontuzzjoni ohra fuq idejh il-leminija u kontuzjoni fuq iz-zaqq.

[2] Dr. Erika Carachi (a fol 91) qalet li ezaminat lil Michael Zahra u harget certifikat li jinsab a fol 12 fejn ikklasifikat il-ferita li kellu bhala wahda gravi per durata. Il-ferita li kellu qalet li giet maghmula bi strument li jaqta.

giet minn quddiem mid-direzzjoni ta’ fejn kien hemm l-imputat.

Reuben Bonnici li kien jahdem bhala manager fl-istabiliment Hugo’s Passion u li wkoll xehed f’dawn il-proceduri waqt  l-udjenza tas-17 ta’ Awwissu 2011 qal li fil-gurnata in dizamina sema’ li nqala’ ncident fuq is-sular ta’ fuq tal-istabbiliment u cioe’ fis-Shadow Lounge. Meta tela’ fuq ra lil Michael Zahra jzomm persuna quddiemu u l-ohra warajh. Il-persuna li kienet quddiem Michael Zahra kien id-DJ u cioe’ l-imputat. Ix-xhud spjega li meta ra lil Michael Zahra johrog wiehed minn dawk li kien involut fil-glieda hwa nnota li dan kellu d-demm ma zaqqu u meta mar fl-ufficcju tieghu ra li Michael Zahra kellu ferita kbira fuq saqajh b’hafna demm u huwa ttiehed immedjatament l-isptar. Bonnici spjega li huwa ma ra xejn mill-glieda u li meta tela’ fuq kull ma ra kienu security officers niezlin b’xi nies ghal barra. Huwa zied jghid li f’ebda hin ma ra xi haga f’idejn l-imputat.

Sandro Dimech xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-4 ta’ Novembru 2011 fejn qal li fis-16 ta’ Lulju kien qieghed gewwa s-Shadow’s Lounge flimkien ma’ shabu. U waqt li kien qieghed jizfen qala’ daqqa ta’ ponn minghand l-imputat u meta waqa’ fl-art dan kompla jaghtih bis-sieq. Dimech isostni li huwa ra li l-imputat kellu xi haga f’idejh u beda jxejjer biha u laqtu biha fuq iz-zokra. Dejjem skond Dimech meta hu u l-imputat inhargu barra mis-security officers komplew b’argument iehor fejn l-imputat argumenta wkoll ma’ shabu fejn imbaghad gew il-Pulizija u l-imputat harab minn fuq il-post. Sandro Dimech sostna li ma kienx jaf il-ghala qala’ d-daqqa ta’ ponn pero’ wara sar jaf li dan sar minhabba tfajla li huwa kien qieghed ikellem. Huwa zied li qabel ma mar fl-istabiliment Shadows Lounge huwa kien mar bars ohra fejn kien xorob birra izda jsostni li ma kienx fis-sakra. Dimech jghid li huwa kien ma’ shabu u kienu grupp ta’ sitta b’kollox. Sandro Dimech ftakar li huwa beda jitkellem ma’ tfajla li skond hu kellimha b’mod normali u qal li beda’ jizfen maghha. Huwa nnega li kien mess lil din it-tfalja u sostna li hadd ma qallu sabiex jieqaf. Ix-xhud jghid li waqt li kien qed jizfen ma din it-tfajla l-imputat mar fuqu u tah daqqa

ta' ponn fuq wiccu u dak il-hin gie siehbu Darren li ghenu jqum mill-art u qal li ma kienx minnu li anki Darren iggieled mieghu[3]. Ix-xhud ikkonferma li s-security officer dahal fin-nofs bejnu u bejn l-imputat izda qal li l-imputat kompla jxejjer id-daqqiet fid-direzzjoni tieghu. Sandro Dimech qal ukoll qal li meta hargu barra, l-imputat hebb ghalih u ghal shabu u huma bdew jaghtuh ukoll u anki laqghu d-daqqiet li huwa beda jaghti dak il-hin. Huwa zied jghid li l-imputat kellu sikkina f'idejh u cahad li kien hu stess li fil-fatt kellu s-sikkina f'idejh u li ntlaqat biha. Huwa zied jghid li ma kienx minnu li l-Pulizija sabuh ftit 'l isfel u li ma riedx imur il-polyclinic. Sandro Dimech sostna li s-sikkina kienet f'idejn l-imputat fil-mument li dahal bejniethom is-security officer li gharaf li kien Michael Zahra. Huwa qal ukoll li huwa kien wara s-security officer filwaqt li l-imputat kien quddiemu fil-hin li dan intervjena bejniethom.

Darren Mifsud li kien wiehed mill-grupp ta' hbieb li kienu flimkien ma Sandro Dimech meta xehed fl-udjenza tal-4 ta' Novembru 2011 qal li hu u shabu kienu marru Shadows Lounge u waqt li kienu gewwa ra lil siehbu Sandro mal-art b'persuna ohra  huwa ghalhekk mar u nehha lill-imputat minn fuq siehbu izda l-glieda kompliet bejn dawn it-tnejn u mbaghad intervjena s-security officer Michael Zahra li beda' jzommhom. Dan ix-xhud jghid li ra lil Sandro jaghti daqqa ta' ponn lill-imputat u dak il-hin inhargu 'l barra mis-security officers Mifsud qal li ma kienx jaf il-ghala kienet inqalghet il-glieda bejn l-imputat u Dimech u spjega li l-glieda kompliet barra l-istabbiliment fejn tlieta minn shabu Frankie Zammit, Sandro Dimech u Matthew Busuttil komplew jiggieldu mal-imputat u xi hadd iehor. Darren Mifsud qal li meta kien barra innota li l-qmis ta' Sandro Dimech kienet imcappsa bid-demm hdejn zaqqu.  Dan ix-xhud qal ukoll li ma ra xejn f'idejn l-imputat u lanqas f'idejn haddiehor.

Noel Busuttil xehed fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2012 fejn qal li fil-gurnata in dizamina kien hareg ma' shabu u huma marru is-Shadow's Club, Paceville. Huwa kien qieghed jixrob mal-bar izda qal li ma ra xejn li nqala' gewwa u li

[3] Fuq insistenza x-xhud rega' biddel il-verzjoni tieghu.

meta kien barra sar jaf minghand siehbu Sandro Dimech li nqalghet glieda. Dan ix-xhud qal lli kien l-istess Sandro Dimech li cempillu fuq il-mobile sabiex imur ghalih hdejn il-karozza u jiehdu l-polyclinic minhabba li xi hadd kien laqtu b'xi haga bil-ponta. Huwa qal li f'ebda hin ma ra lil Sandro b'xi arma[4] f'idejh.

Mark Pavia li xehed fl-udjenza tal-24 ta' Frar 2012 qal li kien jahdem bhala security officer gewwa Hugo's u spjega li fis-16 ta' Lulju 2011 waqt li huwa kien qieghed isfel fl-istabbiliment fejn jahdem ra lil Michael Zahra izappap u meta mar fuqu dan qallu li d-DJ Jonathan Portelli kien tah daqqa ta' sikkina. Dan ix-xhud qal li meta huwa tela' fuq ma ra xejn mill-glieda. David Cachia li wkoll jahdem bhala security officer Hugo's/Shadows Lounge xehed fit-30 ta' Marzu 2012 u spjega fil-gurnata u hin tal-incident Michael Zahra ghajjatlu minhabba li huwa kien f'tarf iehor tal-club u malli wasal hdejh ra li Michael kien qieghed izomm zewg persuni filwaqt li huwa beda' jzomm zewg persuni ohra. Meta wasal hdejhom, ra lil Michael Zahra izomm lill-imputat sider ma' sider sabiex ma jhallihx imur ghall-persuna l-ohra u malli  Michael ressaq lill-imputat 'il barra ix-xhud jghid li ra lil Michael b'saqajh imwegga. L-istess xhud spjega li huwa ma ra lil hadd jaghmel griehi lil Michael izda ra lill-imputat jipprova jattakka lill-ohrajn mill-genb. Stephanie Darmanin li xehdet fl-istess seduta qalet li fiz-zmien tal-incident kienet tohrog mal-imputat u kienet marret mieghu Shadows Lounge fejn kien xoghol bhala DJ. Hija spjegat li meta kienet gewwa l-club marru seba' guvintur fuqha u bdew jittantawha u l-imputat mar ikellem lil wiehed minn dawn u qabdu jiggieldu. Darmanin qalet li mbaghad gew kemm Michael Zahra kif ukoll David Cachia izommuhom u ziedet li tahseb li l-imputat gie imbuttat minn persuna u wara imbutta lil din il-persuna u waqghu mal-art. Hija insistiet li wara l-incident, l-imputat qalilha li huwa ma kienx involut f'xejn u ma kienx hu li ta daqqa ta' sikkina lil Michael Zahra.

[4] A fol 192, ix-xhud qal li "99% fil mija le. 100% li le. Sandro kellu arma?" u wara kompla jghid "Le mija fil-mija le".

Meta xehed is-Supretendent Stephen Gatt a fol 266 dan qal li meta mar l-isptar ikellem lil Michael Zahra dan tal-ahhar spjegalu li kien qieghed iferraq xi nies wara argument li nqala fil-club meta qala’ daqqa f’saqajh u zied jghid li din il-ferita seta’ ghamilha biss l-imputat ghaliex huwa biss kien quddiemu fil-mument li hass it-tingiza. Zahra kien qal ukoll li fl-ebda hin ma ra xi haga f’idejn l-imputat waqt l-argument.

L-imputat Jonathan Portelli ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-10 ta’ Mejju 2013 fejn qal li fis-16 ta’ Lulju 2011 kien qieghed jahdem bhala DJ gewwa s-Shadow Lounge Paceville fejn kien akkompanjat mit-tfajla tieghu Stephanie Darmanin. Din tal-ahhar qaghdet hdejn il-VIP section u f’mument minhom talabha iggiblu drink u meta hija giet lura qaltlu li kien hemm xi nies qeghdin jaqbdu maghha. Ftit wara, jkompli l-imputat, mar guvni li beda’ jaqbad mat-tfajla tieghu u meta huwa waqaf idoqq nizel hdejn it-tfajla u din il-persuna rega’ mar hdejhom u beda jaghmel xi sinjal lejn it-tfajla tieghu u hija qaltlu li dak kien il-persuna li kien qabad maghha qabel. L-imputat jghid li huwa mar ikellem lil dan il-guvni fejn qallu sabiex ma joqghodx ikellem lit-tfajla tieghu u mbaghad nqala’ xi diskors u l-imputat imbuttah u dak il-hin persuna ohra giet b’rankatura ghal fuqu u tah daqqa fuq wiccu. L-imputat ikompli jghid li sussegwentement intervjena bouncer u huwa beda’ jaghti minn fuq rasu ghaliex l-ohrajn kienu seba’ min-nies kollha gejjin ghalih. L-imputat isostni li huwa kien imsakkar ma’ kolonna u huma bdew jersqu lura lejn it-tarag izda xorta baqghu jaghtuh id-daqqiet u huwa prova jaghti kemm seta’ sabiex jipprotegi lilu nnifsu. L-imputat qal ukoll li qabel ma tnizzel isfel kien mar fuqu wiehed Ingliz li qallu li xi hadd mill-grupp li ggieled maghhom kellu xi haga f’idejh u wegga’ lil bouncer. L-imputat qal ukoll li kif hareg barra l-istabbiliment kompliet il-glieda u huwa mbaghad harab minn fuq il-post u mar iwassal lit-tfajla tieghu u mbaghad ma marx id-dar ghaliex beza’ li kien se jigrilu xi haga. Huwa spjega li kellu xi daqqiet fuq gismu minhabba l-aggressjoni u nnega li kellu xi arma fuqu dakinhar u qal li meta sar jaf li kienu qed ifittxuh il-Pulizija mar minn jeddu l-Ghassa.

Ikkunsidrat

Illi din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'diversi verzjonijiet dwar dak li sehh fis-Shadows Lounge dakinhar tas-16 ta’ Lulju 2011. Min-naha l-wahda hemm il-verzjoni tal-bouncer Michael Zahra li ntervjena fil-glieda sabiex jifred lill-imputat u lil Sandro Dimech li kienu qeghdin jiggieldu bejniethom. Mill-provi fil-fatt irrizulta li huwa zamm lill-imputat quddiemu filwaqt li warajh kien hemm Sandro Dimech u jghid lli ra lill-imputat ixejjer daqqiet u hass tingiza izda dak il-hin ma tax kaz. Huwa sostna li d-daqqiet gew minn quddiem u nduna li hass tingiza fil-mument li l-imputat beda jxejjer idejh il-quddiem u qal li malli nizel it-tarag induna li kellu ferita f'saqajh ix-xellugija u f'dak il-mument kien tiela’ bouncer iehor, u cioe' Mark Pavia, li ra li Zahra kien imwegga’ u dak il-hin Zahra qallu li kien l-imputat li wegghu. Inoltre is-Supretendent Stephen Gatt xehed li Michael Zahra qallu li kien l-imputat li laqtu f'saqajh minhabba li d-daqqa kienet minn quddiem. Michael Zahra kompla jghid li ghalkemm kien hemm diversi nies jargumentaw bejniethom, huwa dahal bejn l-imputat u persuna ohra waqt li security iehor zamm nies ohrajn, u kien f'dan il-mument li qala' daqqa u hass tingiza ezatt meta kien qieghed ihares lejn l-imputat. Inoltre l-Qorti setghat tikkonstata li Sandro Dimech sofra griehi f'zaqqu b’ strument bil-ponta u li jaqta’. Ghalkemm dan l-istrument qatt ma nstab mill-Pulizija din il-qorti m’ghandhiex dubju li ntuzat arma bil-ponta u li taqta li kagunat feriti kemm fuq Michael Zahra li gew kkunsidrati bhala feriti gravi kif ukoll ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Sandro Dimech. Sandro Dimech min-naha tieghu ssostna li ra lill-imputat jaghti b'sikkina f'idu fil-mument li dahal Zahra bejniethom. L-imputat Jonathan Portelli jsostni li huwa f'ebda hin ma kellu f'idejh xi arma li biha ta xi daqqiet u qal li kienu daru ghalih diversi nies u li beda’ jaqla d-daqqiet. ghalkemm il-glieda kompliet barra l-istabbiliment jidher li d-daqqiet li kkagunaw il-griehi mertu ta’ din il-kawza inghataw gewwa l-istabbiliment. Illi mic-cirkostanzi li ghandha quddiema din il-Qorti tinsab moralment konvinta li d-daqqiet li kkagunaw il-griehi lil Michael Zahra u Sandro Dimech gew minn quddiem il-bouncer u li l-ferita li huwa sofra setghet biss giet mid-

direzzjoni li kien qieghed l-imputat kif indika l-istess Zahra. Ghalkemm l-imputat prova jaghti l-impressjoni li bdew gejjn diversi nies minn kull direzzjoni din il-Qorti m’ghandha l-ebda raguni il-ghala tiddubita mill-verzjoni tal-fatti moghtija minn Michael Zahra u jidrilha li din il-verzjoni tal-fatti hija l-aktar wahda kredibbli. Huwa qal li fil-mument li ra lill-imputat ixejjer daqqiet hass tingiza u dak li qal l-imputat li huwa beda’ jaghti minn fuq ras Zahra ma tistghax titwemmen meta wiehed jikkunsidra li bid-daqqa li nghatat minn quddiem weggha wkoll Sandro Dimech f'zaqqu. Dan jindika b'mod car li d-daqqa nghatat minn quddiem u l-unika persuna li kien qieghed quddiem Michael Zahra kien l-imputat. Illi inoltre l-Qorti setghat tikkonstata li ghalkemm l-imputat semma’ persuna b’accent Ingliz li qallu li persuna mill-grupp l-iehor li kien involut fil-glieda kellu arma f’idejh u li wegga’ lill-bouncer huwa ma ghamel l-ebda referenza ghal din il-persuna a tempo vergine meta rrilaxxja l-istqarrija esebita a fol 41. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat ma tistghax titwemmen.

Illi kif diga’ inghad, Sandro Dimech sofra griehi f’zaqqu li gew certifikati bhala hfief. Illi l-posizzjoni tal-ferita tindika bic-car li minn tah id-daqqa kien qieghed quddiemu. L-unika persuni li kienu f’din id-direzzjoni kienu l-imputat u Michael Zahra. Mill-provi rrizulta li Michael Zahra kien qieghed izomm kemm lill-imputat kif ukoll lil Sandro Dimech u ghalhekk ma setghax kien hu li ta daqqa b’arma bil-ponta lil Sandro Dimech. Kif qal l-istess Michael Zahra, huwa ra lill-imputat ixejjer id-daqqiet u dak il-hin hass it-tingiza f’saqajh u ghalhekk jirrizulta car li d-daqqa giet minn quddiem u ezatt minn fejn kien hemm l-imputat. Il-fatt illi r-rizultat ta’ din l-agressjoni halla ferita ta’ natura hafifa ma jfissirx illi l-imputat ma setghax kellu l-intenzjoni dak il-hin illi jikkawza ferita gravi. F’dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet ‘Il-Pulizija vs Mariano sive’ Mario Camilleri deciza fit-8 ta’ Frar, 2002 u cioe’:

“Il-fatt li r-rizultat finali kien biss offiza ta’ natura hafifa ma jfissirx necessarjament illi ma setax kien hemm l-intenzjoni specifika illi wiehed jikkaguna offiza gravi, jekk

kienx hemm jew le t-tali ntenzjoni hija kwistjoni ta' fatt rimessa ghal gudizzju prudenti ta' min ghandu jiggudika l-fatti f'dan il-kaz il-Magistrat sedenti fl-ewwel Qorti billi jittiehed kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz fosthom ( forsi l-aktar importanti) tan-natura ta' l-isturment uzat u tal-parti tal-gisem li lejha kien indirizzat dak l-isturment."

In-natura tal-ferita li sofra Michael Zahra fejn kellu anki jsirlu ntervent kirurgiku tindika li ntuzat certu sahha mill-imputat li juri bic-car li l-intenzjoni tieghu kienet li jikkaguna ferita gravi lil Sandro Dimech u li dan ma sehhx minhabba xi haga ndipendenti mill-volonta' tieghu. L-imputat sejjer ghalhekk jigi misjub hati tal-ewwel(1) u tat-tieni(2) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u jsegwi ghalhekk li t-tielet(3) imputazzjoni ser titqies li hija assorbita fit-tieni(2) mputazzjoni.

<u>L-akkuza taht l-artikolu 55 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;</u>

Kif diga' ntqal aktar 'il fuq din il-Qorti tinsab moralment konvinta li l-griehi sofferti minn Sandro Dimech u Michael Zahra li gew kagunati b'arma taqta' u bil-ponta gew hekk kagunati mill-imputat u dan ghalkemm dan l-istrument baqa' ma nstabx anki ghaliex meta l-Pulizija ghamlu tfittxija fuq il-persuni fil-vicinanzi tal-istabiliment fejn inqalghet il-glieda l-imputat kien diga telaq 'l hemm u ghalhekk ma setghatx issir tfittxija fuq il-persuna tieghu. Madankollu hareg bic-car li waqt il-glieda l-unika persuna li seta' kkaguna l-feriti gravi fuq il-persuna ta' Michael Zahra kif ukoll il-ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Sandro Dimech bi strument li jaqta u bil-ponta kien l-imputat. Huwa sejjer ghalhekk jinstab hati tar-raba'(4) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi ma ngabet ebda prova li fil-fatt l-imputat m'ghandux licenzja sabiex izomm arma fuqu u ghalhekk huwa ma jistghax jinstab hati tal-hames(5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi mill-provi rrizulta li apparti l-argument u l-glied li nqala' gewwa l-istabiliment l-imputat kien involut anki fil-glieda li

kompliet barra fit-triq u ghalhekk anki s-sitt(6) imputazzjoni tirrizulta pruvata.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fat li l-imputat ghandu fedina penali tista' tghid nadifa kif ukoll ic-cirkostanzi partikolari li fiha nqalghet il-glieda li gew spjegati aktar 'il fuq u jidrilha li piena karcerarja sospiza tkun l-aktar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tad-9 ta' Jannar 2013 u senjatament l-Artikoli 17, 214, 215, 216, 217, 218, 221, 338(dd) u 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 55 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1), tat-tieni(2), tat-tielet(3), tar-raba'(4) u tas-sitt(6) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sentejn(2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' erba'(4) snin millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-hames(5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti torbot lill-imputat b'obbligazzjoni personali taht penali ta' hames mitt Ewro (€500) ghal zmien tnax(12)-il xahar millum milli jimmolesta jew jivvessa lil Michael Zahra u lil Sandro Dimech.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------